

- 2.2) L-ghajjnuna inkwistjoni hija kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat FUE sa fejn tippermetti li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, jew tista' toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri?

(<sup>1</sup>) ĠU 2015, L 248, p. 9.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Verwaltungsgericht, Autonome Sektion für die Provinz Bozen (l-Italja) fit-18 ta' Frar 2021 – SG vs Autonome Provinz Bozen**

**(Kawża C-103/21)**

(2021/C 217/30)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgericht, Autonome Sektion für die Provinz Bozen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: SG.

Konvenut: Autonome Provinz Bozen

**Domandi preliminari**

- 1) L-ghajjnuna awtorizzata permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni SA.32113 (2010/N) tal-25 ta' Lulju 2012 għall-finanzjament ta' 80 % tal-kostruzzjoni ta' impjanti mikro tal-idroelettriku għall-finijiet tal-produzzjoni ta' enerġija elettrika, minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli, intiża sabiex tiġi kkonsumata minn chalets u refuġji li jinsabu f'żona ta' muntanja għolja li l-konnessjoni tagħhom man-netwerk tal-elettriku ma tistax issir mingħajr sforz tekniku u finanzjarju adegwat, skadiet fil-31 ta' Diċembru 2016?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda:
  - 2.1) Għandu għalhekk jiġi eżaminat ukoll jekk l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (<sup>1</sup>) għandux jiġi interpretat fis-sens li fil-każ ta' applikazzjoni abbużiva ta' ghajjnuna, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni ta' rkupru qabel ma l-awtoritajiet tal-Istat jieħdu miżuri?
  - 2.2) Għandu jiġi eżaminat jekk l-imsemmija ghajjnuna hijiex kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3) (c) tat-Trattat FUE sa fejn tippermetti li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, jew jekk tistax toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri?

(<sup>1</sup>) ĠU 2015, L 248, p. 9.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal du travail de Liège (il-Belġju) fl-4 ta' Marzu 2021 – EV vs Agence fédérale pour l'Accueil des demandeurs d'asile (Fedasil)**

**(Kawża C-134/21)**

(2021/C 217/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal du travail de Liège

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: EV

Konvenut: Agence fédérale pour l'Accueil des demandeurs d'asile (Fedasil)